

Brussell, 21 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5289/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0180 (COD)

CODEC 46
ENER 11
POLCOM 17

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-tnejn għall-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet taż-żejt, it-titjib tal-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Il-Kummissjoni talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja dwar azzjoni futura rigward iż-żejt Russu tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Biex ikunu evitati riskji essenzjali għas-sigurtà u ċerti dipendenzi tal-enerġija li jkollna jekk jissokta l-kummerċ tal-enerġija mal-Federazzjoni Russa, il-Kummissjoni Ewropea tibqa' impenjata li tiżgura t-tneħħija gradwali tal-importazzjonijiet kollha fl-UE taż-żejt mingħand il-Federazzjoni Russa sa tmiem l-2027, bi qbil mad-Dikjarazzjoni ta' Versailles.

Il-Kummissjoni biħsiebha tressaq proposta leġiżlattiva fil-bidu tal-2026 biex tipprojbixxi l-importazzjonijiet fl-UE taż-żejt mingħand il-Federazzjoni Russa mingħajr iżjed dewmien, u sa mhux aktar tard minn tmiem l-2027.

Il-Kummissjoni se tanalizza bir-reqqa l-impatt potenzjali ta' terminazzjoni malajr tal-importazzjonijiet taż-żejt fuq is-sigurtà tal-provvista, l-ekonomija u l-kompetittività tal-aktar Stati Membri affettwati.

Il-Kummissjoni se taħdem b'mod attiv, bi spirtu ta' solidarjetà, ma' dawk affettwati direttament u ma' Stati Membri rilevanti oħra, biex jinstabu miżuri xierqa li jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji possibbli identifikati fil-valutazzjoni, li jiffaċilitaw l-aċċess għal provvisti alternattivi.
